

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **ID-DIRETTIVA 1999/4/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
tat-22 ta' Frar 1999

li għandha x'taqsam ma' l-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra

(ĠU L 66, 13.3.1999, p. 26)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Pàġna	Data
► <u>M1</u>	Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003	L 284	1	31.10.2003
► <u>M2</u>	Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008	L 311	1	21.11.2008



**ID-DIRETTIVA 1999/4/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U
TAL-KUNSILL**

tat-22 ta' Frar 1999

li għandha x'taqsam ma' l-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Waqt li i jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189b tat-Trattat ⁽³⁾, fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat tal-Konċiljazzjoni fit-8 ta' Diċembru 1998,

Billi ċerti Direttivi vertikali li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel għandhom jiġu ssimplifikati sabiex jitqiesu biss il-ħtiġiet essenzjali li għandhom jintlaħqu mill-prodotti li jkopru sabiex dawn il-prodotti jkunu jistgħu jiċċirkolaw liberament fis-suq intern, skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Edinburgu fil-11 u t-12 ta' Diċembru 1992, u kkonfermati minn dawk tal-Kunsill Ewropew fi Brussel fl-10 u l-11 ta' Diċembru 1993;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 77/436/KEE tas-27 ta' Ġunju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra ⁽⁴⁾ kienet iġġustifikata mill-fatt illi d-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali dwar l-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra jistgħu jirriżultaw f'konkordizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ġusta li jistgħu iqarrqu bil-konsumaturi, u b'hekk ikollhom effett dirett fuq l-istabiliment u l-funzjonament tas-suq komuni;

Billi d-Direttiva msemmija hawn fuq ġiet konsegwentement iddisinjata sabiex tiddefinixxi l-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra, sabiex tistabilixxi liema sustanzi jistgħu jiġu miżjuda matul il-fabbrikazzjoni tagħhom, sabiex jiġu stabbiliti regoli komuni li jirrigwardaw l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' dawn l-estratti u sabiex jiġu speċifikati l-kondizzjonijiet li fuqhom jistgħu jintużaw id-denominazzjonijiet partikolari użati għal uħud minn dawn il-prodotti, sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment tagħhom ġewwa l-Komunità;

Billi d-Direttiva 77/436/KEE għandha tinġieb f'konformità mal-leġislazzjoni ġenerali Komunitarja dwar l-oġġetti ta' l-ikel, partikolarment il-leġislazzjoni dwar l-ittikkettjar u l-metodi ta' l-analiżi;

Billi l-Kummissjoni qiegħda tippjana li ttipponi, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ qabel l-1 ta' Lulju 2000, l-inklużjoni fid-Direttiva 80/232/KEE ⁽⁵⁾ ta' firxa ta' piżijiet nominali għall-prodotti ddefiniti b'din id-Direttiva;

⁽¹⁾ ĠU C 231, tad-9.8.1996, p. 24.

⁽²⁾ ĠU C 56, ta' l-24.2.1997, p. 20.

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 1997 (ĠU C 339, ta' l-10.11.1997, p. 129), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-30 ta' April 1998 (ĠU C 204, tat-30.6.1998, p. 25) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 1998 (ĠU C 313, tat-12.10.1998, p. 90). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 1999. Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 1999.

⁽⁴⁾ ĠU L 172, tat-12.7.1977, p. 20. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1985.

⁽⁵⁾ ĠU L 51, tal-25.2.1980, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 87/356/KEE (ĠU L 192, tal-11.7.1987, p. 48).

▼B

Billi r-regoli ġenerali ta' l-ittikkettjar ta' l-ikel stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-ittikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel għall-bejgħ lill-aħħar konsumatur ⁽¹⁾ għandhom japplikaw bla ħsara għal ċerti kondizzjonijiet;

Billi, skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet segwiti, skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 3b tat-Trattat;

Billi, meta din id-Direttiva tiġi adattata fil-ġejjieni għad-dispożizzjonijiet ġenerali Komunitarji dwar l-oġġetti ta' l-ikel, il-Kummissjoni se tkun meħjuna mill-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel, stabbilit bid-Deċiżjoni 69/414/KEE ⁽²⁾;

Billi, sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakoli ġodda għall-moviment liberu, l-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jadottaw, għal prodotti inkwistjoni, dispożizzjonijiet nazzjonali li m'hemmx provvediment għalihom f'din id-Direttiva,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva tirrigwarda l-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra kif iddefiniti fl-Anness.

Din id-Direttiva ma tapplikax għall- "*café torrefacto soluble*".

L-Artikolu 2

Id-Direttiva 79/112/KEE għandha tapplika għall-prodotti ddefiniti fl-Anness bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ismijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness għandhom japplikaw biss għall-prodotti imsemmija fih u għandhom jintużaw fil-kummerċ sabiex jiġu ddenominati. Dawn l-ismijiet għandhom jiġu ssupplimentati bil-kliem:

- "*paste*" jew "*fil-għamla ta' paste*" jew
- "*likwidu*" jew "*fil-għamla likwida*" kif ikun xieraq.

Madankollu, l-ismijiet tal-prodotti jistgħu jiġu ssupplimentati bit-terminu "*ikkonċentrat*":

- fil-każ tal-prodott iddefinit fil-punt 1(ċ) ta' l-Anness, sakemm il-kontenut tas-sustanza niexfa ibbażat fuq il-kafè jkun aktar minn 25 % skond il-piż,
- fil-każ tal-prodott iddefinit fil-punt 2(ċ) ta' l-Anness, sakemm il-kontenut tas-sustanza niexfa ibbażat fuq iċ-ċikwejra jkun aktar minn 45 % skond il-piż;

(b) l-ittikkettjar għandu jinkludi t-terminu "*iddekaffeinat*" fil-każ tal-prodotti ddefiniti fil-punt 1 ta' l-Anness, sakemm il-kontenut tal-kaffeina anidra ma jaqbiżx iż-0,3 % skond tal-piż tas-sustanza niexfa bbażata fuq il-kafè. Dan it-tagħrif għandu jkun fl-istess firxa tal-vista bħad-deskrizzjoni tal-bejgħ;

(ċ) fil-każ tal-prodotti ddefiniti fil-punti 1(ċ) u 2(ċ) ta' l-Anness, it-tikketta għandha tinkludi t-termini "*ma'...*", "*ippriservat bi...*", "*bi... miżjud/a*" jew "*inkaljat bi...*" segwiti bl-isem/ismijiet tat-tipi taz-zokkor użat/i.

⁽¹⁾ ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/4/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 43, ta' 1-14.2.1997, p. 21).

⁽²⁾ ĠU L 291, tad-19.11.1969, p. 9.

▼B

Dan it-tagħrif għandu ikun fl-istess firxa tal-vista bħad- deskrizzjoni tal-bejgħ;

- (d) l-ittikkettjar għandu jindika, fil-każ tal-prodotti ddefiniti fil-punti 1(b) u (ċ) ta' l-Anness, il-kontenut minimu tas-sustanza niexfa bbażata fuq il-kafè u, fil-każ tal-prodotti ddefiniti fil-punti 2(b) u (ċ) ta' l-Anness, il-kontenut minimu tas-sustanza niexfa bbażata fuq iċ-ċikwejra. Dawn il-kontenuti għandhom jiġu espressi bħala perċentwal skond il-piż tal-prodott lest.

L-Artikolu 3

Għall-prodotti ddefiniti fl-Anness, l-Istati Membri ma għandhomx jadottaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali li m'hemmx provvediment għalihom f'din id-Direttiva.

▼M2*Artikolu 4*

Id-deċiżjoni sabiex din id-Direttiva tinġieb konformement mad-dispożizzjonijiet Komunitarji ġenerali li japplikaw għall-oġġetti ta' l-ikel għandha tittieħed mill-Kummissjoni. Dik il-miżura, imfassla sabiex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, ġiet adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5(2).

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali, imwaqqaf mill-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a minn (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼B*L-Artikolu 6*

Id-Direttiva 77/436/KEE b'dan għandha tiġi mħassra b'effett mfit-13 ta' Settembru 2000.

Ir-referenzi għad-Direttiva li ġiet imħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Direttiva.

L-Artikolu 7

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-13 ta' Settembru 2002. Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi għandhom jiġu applikati sabiex:

- jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq tal-prodotti ddefiniti fl-Anness jekk jikkonformaw mad-definizzjonijiet u r-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva, b'effett mit-13 ta' Settembru 2000,
- jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti li jonqsu li jikkonformaw ma' din id-Direttiva, b'effett mit-13 ta' Settembru 2001. Madankollu, it-tqegħid fis-suq tal-prodotti li jonqsu milli jikkonformaw ma' din id-Direttiva imma ttikkettjati qabel it-13 ta' Settembru 2001 skond id-Direttiva 77/436/KEE għandhom jissoktaw jiġu permessi sakemm jiġu eżawriti l-ħażniet.

⁽¹⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

▼B

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn ta' l-aħħar għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet domestiċi li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 8

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.



L-ANNESS

ID-DESKRIZZJONIJIET, ID-DEFINIZZJONIJIET U L-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTTI
1. “L-Estratt tal-kafè”, “l-estratt tal-kafè li jinħall”, “il-kafè li jinħall” jew “il-kafè instantanju”

Dan ifisser il-prodott ikkonċentrat miksub b'estraxxjoni mill-kafena inkaljata bl-użu ta' l-ilma biss bħala l-mezz ta' l-estraxxjoni u jeskludi kull proċess ta' idrolisi li jinvolvi ż-żieda ta' aċidu jew ta' bażi. Minbarra dawn is-sustanzi li ma jinħallux li huma teknikament impossibbli li jiġu eliminati, u ż-żjut li ma jinħallux li jiġu mill-kafè, l-estratt tal-kafè għandu jkun fih biss il-kostitwenti li jinħallu u aromatiċi tal-kafè. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-metodi użati sabiex jiġi stabbilit il-kontenut ta' karboidrat liberu u totali tat-tipi tal-kafè li jinħall huma skond il-paragrafi 1 u 2 ta' l-Anness mad-Direttiva tal-Kunsill 85/591/KEE tal-20 ta' Diċembru 1985 rigward l-introduzzjoni tal-metodi Komunitarji tat-teħid tal-kampjuni u l-analiżi għall-monitoraġġ ta' l-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem ⁽¹⁾ u li jkunu ikkonvalidati jew standardizzati, jew diġà jew kemm jista' jkun malajr.

Il-kontenut tas-sustanza niexfa ibbażata fuq il-kafè għandu jkun:

- (a) mhux inqas minn 95 % skond il-piż fil-każ ta' l-estratt niexef tal-kafè;
- (b) minn 70 % sa 85 % skond il-piż fil-każ tal-*paste* ta' l-estratt tal-kafè;
- (ċ) minn 15 % sa 55 % skond il-piż fil-każ ta' l-estratt likwidu tal-kafè;

L-estratt tal-kafè fil-għamla solida jew *paste* ma għandu jkun fih l-ebda sustanza oħra għajr dawk idderivati mill-estraxxjoni tal-kafè. L-estratt likwidu tal-kafè jista' jkun fih tipi ta' zokkor li jittiekel, sewwa nklajta u sewwa le, fi proporzjon li ma jaqbiżx it-12 % tal-piż.

2. “L-Estratt taċ-ċikwejra”, “iċ-ċikwejra li tinħall” jew “iċ-ċikwejra instantanja”

Dan ifisser il-prodott ikkonċentrat miksub mill-estraxxjoni taċ-ċikwejra inkaljata bl-użu ta' l-ilma biss bħala l-mezz ta' l-estraxxjoni u jeskludi kull proċess ta' idrolisi li jinvolvi ż-żieda ta' aċidu jew ta' bażi.

“Iċ-Ċikwejra” tfisser l-għerūq taċ-*Cichorium Intybus L.*, mhux użati għall-produzzjoni taċ-ċikwejra *witloof*, is-soltu użata għat-tnejjija tax-xorb, imnaddfa kif jixraq sabiex tiġi mnixxa jew inkaljata.

Il-kontenut tas-sustanza niexfa bbażata fuq iċ-ċikwejra għandu jkun:

- (a) mhux inqas minn 95 % skond il-piż fil-każ ta' l-estratt niexef taċ-ċikwejra;
- (b) minn 70 % sa 85 % skond il-piż fil-każ ta' *paste* ta' l-estratt taċ-ċikwejra;
- (ċ) minn 25 % sa 55 % skond il-piż fil-każ ta' l-estratt likwidu taċ-ċikwejra;

L-estratt taċ-ċikwejra fil-għamla solida jew *paste* ma jistax ikun fih aktar minn 1 % skond il-piż tas-sustanzi li ma jiġux miċ-ċikwejra.

L-estratt likwidu taċ-ċikwejra jista' jkun fih tipi ta' zokkor li jittiekel, sewwa jekk inkaljat u sewwa jekk le, għal proporzjon li ma jaqbiżx il-35 % tal-piż.

⁽¹⁾ ĠU L 372, tal-31.12.1985, p. 50.